MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 22/2004

HSBC Bank Malta p.l.c. numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija C3177 .

Vs

Joseph Vella,
U ghal kull interess li jista' jkollha Janet Vella mart l-istess Joseph Vella .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti joperaw kont bankarju mas-socjeta' attrici, bin-numru 016-178808-001; kif jidher mill-*mandate form* relattiva illi kopja taghha qeghda tigi hawn annessa bhala Dokument A;

Illi fiz-zmien bejn l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru, 2001, u d-disgha (9) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003), il-konvenut iddebita dan il-kont b'ammont ta' sebat-elef u tmien liri u tlieta u erbghin centezmu (Lm7008.43c) bejn cheques ohra rilaxxjati minnu ma jigux onorati - kif jidher mir-rendikont konsistenti f'erbatax-il pagina illi qieghed jigi hawn anness bhala dokument B ;

Illi wkoll kif jidher minn dak l-istess rendikont, l-interessi, kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena 'simple interest' fuq l-ammont addebitat sad-disgha (9) ta' Ottubru 2003 jammontaw ghal tlett mija u ghaxar liri u tlieta u erbghin centezmu (Lm310.43) biex hekk l-ammont totali dovut bejn kapital u interessi jintela ghal sebat elef tlett mija u tmintax-il lira u sitta u tmenin centezmu (Lm7318.86c) ;

Illi minkejja illi gew interpellati sabiex jirrifondu dan l-ammont, il-konvenuti baqghu inadempjenti **.**

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi Joseph Vella ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici s-somma totali ta' sebat elef tlett mija u tmintax-il lira u sitta u tmenin centezmu (Lm7318.86c) dovuta bhala somma kapitali, u interessi relattivi sad-disgha (9) ta' Ottubru 2003 addebitata minnu fuq il-kont numru 016-178808-001 kif fuq spjegat ;

2. Tikkundannak thallas lis-socjeta' attrici din l-istess somma, bl-interessi ulterjuri mid-disgha (9) ta' Ottubru 2003 sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' April, 2003 u tar-rikors ghal hatra ta' kuraturi prezentat mal-istess ittra, kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra taghkom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi minn issa intom msejha .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici, ikkonfermata bil-gurament ta' Richard Mercieca ghan-nom ta' l-istess socjeta' attrici .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, mandate form relattiva ghal kont numru 016-7178808-001; u bhala dokument B, rendikont ta' l-ammont addebitat lill-kont tal-konvenuti, u kkalkulat bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija simple interest, sad-disgha (9) ta' ottubru, 2003, konsistenti f'erbatax-il pagna .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti li gew notifikati b'din ic-citazzjoni fil-hdax (11) ta' Marzu, ta' din is-sena .

Semghet ukoll lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Mario Galea, jikkonferma illi sal-lum il-konvenuti ma hallsu xejn minn l-ammont mitlub fic-citazzjoni .

Il-Qorti ghal hekk, u peress li jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici,

1. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom jirrifondu lis-socjeta' attrici s-somma totali ta' sebat'elef tlett mija u tmintax-il lira maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm7318.86c), dovuti bhala somma kapitali w interessi relattivi sad-disgha (9) ta' Ottubru, 2003, kif addebitati mill-kont ta' Joseph Vella bin-numru 016-178808-001 .

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-istess socjeta' attrici din l-istess somma bl-interessi ulterjuri mid-data tad-disgha (9) ta' Ottubru, 2003, sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' April, 2003, kontra l-istess konvenuti in solidum bejniethom .
S2204Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------